MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2551/2002

**Paul Dingli**
**vs**

**Alex Galea**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sitta u tmenin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm86.75), rapprezentanti hsarat imgarrba mill-attur in segwitu ghall-incident li sehh fil-Country Cottage, Wied il-Busbies, Rabat, meta l-konvenut kien qed isuq *tractor* baqa' diehel gol-vettura ta' l-attur tat-tip Ford Fiesta BAI-603, u dan kollu minhabba traskuragni, imperizja u negligenza da partita' l-istess Alex Galea;**

**Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra bonarja datata 16 ta' Settembru, 2002.**
**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-14 ta' Frar, 2003, fejn intqal illi l-ebda ammont ma hu dovut stante pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet, oltre li l-attur irrinunzja ghal kull ammont ta' danni fir-rigward ta' l-incident indikat fit-talba;**
**Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Paul Dingli, Wayne Dingli, Jacqueline Vella Dingli u Alex Galea. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-attur u tal-konvenut jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kawza qed issir ghall-hlas ta' danni kagunati fil-vettura ta' l-attur meta t-tractor tal-konvenut habat mal-vettura ta' l-attur.**
**2. L-incident sehh wara li l-konvenut kien spicca jahrat l-ghalqa ta' l-attur, u dahal ghandu jiehu kikkra cafe`. It-tractor tal-konvenut mexa wahdu u dahal fil-vettura ta' l-attur. Dawn il-fatti mhux kontestati.**
**3. Talli jahratlu l-ghalqa il-konvenut jithallas ghaxar liri.**
**4. Id-danni fil-vettura ta' l-attur kienu fil-bumper, mudguard, « under panel » kif ukoll kien hemm fanal imkisser. Inzerta li iben l-attur jaghmel xoghol ta' spray painting u fil-fatt x-xoghol ta' spray painting ghamlu hu.**
**5. Skond ma xehdu l-attur u ibnu Wayne, id-danni fil-fatt kienu jammontaw ghal xi tlett mija u hamsin lira (lm350.00). Jirrizulta li tassew l-attur ipprova jimminimizza d-danni, anke fil-fatt li qabbad lill-ibnu, Wayne biex jaghmel l-ispray.**
**6. Jirrizulta li talli jahratlu l-ghalqa il-konvenut jithallas ghaxar liri, u jidher li dakinhar ma thallasx biex sussegwentement jinqata dak li hu dovut lill-konvenut mill-danni li sofra l-attur.**
**7. Mill-provi mismugha ma jirrizultax li sar ebda pagament ghas-saldu. Kien evidenti li d-danni minn daqqa ta' tractor kienu ser ikunu ferm akbar. Iben l-**

**attur li hu tas-sengha kien jaf sew li d-danni ma kienu fl-ammont ta' ghaxar liri.**
**8. Dwar il-pagament li l-konvenut jallega li sar ghas-saldu, ma hemm ebda prova konklussiva fir-rigward.**
**9. Dwar id-danni t-Tribunal hu konvint li dawn jammontaw ghall-ammont reklamat, u dana skond id-dokumenti Dok.PD1 sa PD3 esebiti.**

**Ghaldaqstant peress illi ghad-danni kagunati kien jahti unikament il-konvenut, it–Tribunal qed jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitta u tmenin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm86.75).**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u tenut kont tal-fatt li z-zewg partijiet setghu facilemnt lahqu ftehmu minghajr in-necessita` li jirrikorru quddiem it-Tribunal, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------